**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**NOEL FRENDO**

**Illum, 27 ta’ Settembru, 2001**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NOEL FRENDO** ta’ tlieta w ghoxrin sena bin Dominic u Mary nee Catania, imwieled Pieta nhar l-hdax ta' Dicembru, 1975 u joqghod 362, Triq il-Kbira, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 63275M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar d-disgha ta' Dicembru, 1991 fl'Iklin

a. bil-lejl kkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti fosthom sigaretti u xorb alkoholiku, li huma stmati li jiswew aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin mill-hanut bl-isem Body Selfservice Store li huwa sitwat fi Triq Ninu Cremona, l-Iklin ghad-dannu ta'

Anthony Micallef minn B'Kara, liema serq huwa ggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

b. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li huma stmati aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom.

c. Fl-ahhar nett gie akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi voluntarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin imma hija izjed minn ghaxar liri maltin, fl-aperturi tal-imsemmi hanut u dan ghad-dannu ta' Anthony Micallef minn B'Kara.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti li f'kaz ta' kundanna, ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni ohra wara li tikkundanna lil hati, jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez kollha jew parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu ma hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri f'dak iz-zmien u b'dak l-ammont bhal ma jkun stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom u b'mod partikolari l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha ta' Frar, 1999, esibit bhala dokument DS 7 a fol 53 tal-atti processwali odjerni.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u ezaminat bir-reqqa kollha r-rapporti tal-esperti.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur u lil Avukat Difensur jittrattaw din il-kawza fis-seduta tal-wiehed u tletin ta' Lulju, 2001.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni principalment qed takkuza lil imputat bi tlett akkuzi u appuntu serq aggravat bil-mezz, bil-valur, u bil-hin mill-fond maghruf bhala Body Selfservice Store sitwat fl-Iklin, b'ricettazzjoni u bi hsara voluntarja li ma teccidix l-hamsin lira maltin fl-aperturi tal-imsemmi hanut ghad-dannu ta' Anthony Micallef minn B'kara.

Il-Pulizija Ezekuttiva kienet giet mgharrfa nhar d-disgha ta' Dicembru, 1991 li fil-fond fuq indikat kienet saret serqa kif jirrizulta

mill-okkorrenza esibita minn PS 651 Lawrence Portelli esibita f'dawn l-atti a fol 48 markata bhala dokument DS u fuq dan r-rapport il-Pulizija nfurmat lil Magistrat Inkwerenti dwar din l-allegata serqa w infethet l-inkjesta relattiva.

Il-Magistrat Inkwerenti kien nnomina lil PC 490 Joseph Alosio bhala espert tal-impronti ditgitali u lil Perit Tekniku Philip Zammit. Illi in segwitu l-espert semgha x-xhieda u minn ezami tar-relazzjoni tieghu esibita nhar t-tmienja ta' Jannar, 1992, jirrizulta li bla dubbju ta' xejn s-serqa hija aggravata bil-valur stante li l-ammont misruq huwa ta' erbgha mija tmienja w sittin lira maltin, bil-mezz stante li d-dhul fil-fond sar permezz ta' skalar fuq arblu tal-elettriku li kien fil-kantuniera tax-xellug ta' wara il-bini in ezami u sussegwentement l-malvivent ottjena d-dhul permezz ta' sgass.  Illi pero ma jirrizultax li kien hemm l-aggravju tal-hin peress li s-serqa saret f'xi hin bejn s-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar tas-Sibt, sebgha ta' Dicembru, 1991 u s-sitta ta' filghodu tat-Tnejn, disgha ta' Dicembru, 1991.  Peress li l-hin ma giex stabbilit bi precizjoni dan l-aggravju zgur ma jezistix.

Illi jirrizulta wkoll li saret hsara fil-*cash register* billi nxtehet likwidu alkoholiku fuqu, liema hsara tammonta ghal hamsa w ghoxrin

lira maltin u gew imkissra u mormija ghoxrin kartuna bajd, liema hsara tammonta ghal ghoxrin lira maltin.

Illi l-Ispettur **David Saliba** xehed fit-tnax ta' Marzu, 1999 u qal li mill-indagini li saru in konnessjoni ma din s-serqa kien rrizulta li nstabu l-impronti digitali tal-imputat Noel Frendo u ghalhekk hass il-htiega li jinvestigah in konnessjoni ma din is-serqa. Meta dan Noel Frendo gie mistoqsi, wara li nghata s-solita twissijja quddiem PC 43 Sandro Camilleri, jekk kienx ippartecipa f'din is-serqa, huwa kien cahad li qatt ippartecipa f'din is-serqa w inoltre ddikjara li ma kien jaf xejn fejn kien il-hanut fejn sehhet is-serqa u li qatt ma kien dahal fih.

Ghalhekk l-Ispettur David Saliba flimkien ma PC 43 Sandro Camilleri u PS 336 Antoine Schembri akkumpanjaw lil imputat f'dan il-hanut u ghal darb'ohra l-imputat cahad li qatt dahal f'dan il-hanut u li kieku l-Pulizija m'akkumpanjawhx f'dan il-hanut, ma kienx ikun jaf fejn kien.

Illi l-Ispettur David Saliba ppresenta stqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu fis-sitta w ghoxrin ta' Awissu, 1998 li tinsab esibita a fol 51 tal-atti odjerni. Din l-istqarrija tikkonferma dak kollu li l-Ispettur David Saliba qal dwar dak li kien qallu l-imputat.

Illi nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar, 1992 kien deher **PC 490 Joseph Alosio** quddiem il-Magistrat Inkwerenti w ppresenta l-*lifters* li gew mehuda minnu nhar d-disgha ta' Dicembru, 1992 mill-fond in ezami, liema *lifters* kienu tlieta u filwaqt li kien hemm marka tas-swaba misjuba fuq flixkun ta' Teachers Whisky, giet identifikata bhala dokument 91CJN 101, marka tas-swaba misjuba fuq il-bieb ta' wara minn gewwa li giet identifikata bhala dokument 91CJN 102 u marka tas-swaba misjuba fuq il-bieb ta' wara minn barra li giet identifikata bhala 91CJN 103.

Nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Gunju, 2001 Joseph Alosio deher il-Qorti w kkonferma d-dokument BC bhala li kien l-impront mehud minnu. Fil-fatt gharaf anke l-kalligrafija tieghu.

Illi fuq domanda tal-Prosekuzzjoni il-Qorti fis-sittax ta' Dicembru, 1999 nnominat lil PS 673 Joseph Mallia sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat u lil Joseph Bongailas sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali tal-imputat mehuda minn PS 673 Joseph Mallia seduta stante (vide dokument CSH 1 u CSH 2) u l-impronti digitali elevati minn fuq ix-xena tad-delitt nhar d-disgha ta' Dicembru, 1991 minn PC 490 Joseph Alosio li jinsabu esibiti bhala dokument BC a fol 95 tal-atti odjerni.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru, 2000 deher Joseph Bongailas w ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument JB, liema relazzjoni tinsab esibita a fol 122 tal-atti odjerni. Minn ezami ta din r-relazzjoni jirrizulta li l-konkluzzjoni ta' Joseph Bongailas hija wahda posittiva fis-sens li l-palmi u l-impronti tal-imputat jaqblu ma dawk li gew elevati mis-Scene of the Crime Officer PC 490 Joseph Aloisio.

Anzi bi precizjoni jirrizulta li d-dokument 91CJN101 u cioe il-marka tas-swaba li giet elevata minn fuq il-flixkun ta' Teachers Whisky, ma taqbilx ma l-imrponti digitali ta' Noel Frendo skond d-dokument CSH 1 u CSH 2 esibiti fl-atti, filwaqt li l-impronta li tidher fuq il-*lifter* markat bhala dokument 91CJN 102 gie komparat mad-dokument CSH 1 li huma formoli tal-impronti digitali tal-imputat Noel Frendo u rrizulta li wahda minn dawn l-impronti taqbel mas-seba tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-istess Noel Frendo.

Anke l-impront li deher fuq il-*lifter* markat bhala dokument 91 CJN 103 gie komparat mad-dokument CSH 1 w rrizulta (vide fol 130 tal-atti ) li wahda minn dawn l-impronti digitali taqbel mas-seba tac-curkett tal-id ix-xellugija tal-istess Noel Frendo.

Illi l-Prosekuzzjoni qed ssostni li din il-prova xjentifika hija bizzejjed biex torbot lil imputat mar-reati addebitati lilu u ghalhekk fil-fehma taghha qed ssostni li l-Qorti ghandha isib lil imputat hati.

Id-Difiza minn naha l-ohra qed tinsisti li fl-ewwel lok thoss li d-dokument BC u cioe l-*lifters* gew mehuda b'mod irregolari, pero dwar din l-insinwazzjoni ma ngabet l-ebda prova u ghalhekk il-Qorti ser tiskartha in toto. Sostniet li l-*lifters* m'ghandhomx data u ma jirrizultax minn fejn ittehdu u ma humiex ffirmati u min hadhom.

Bir-rispett kollu il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni ghaliex minn ezami akkurat tad-dokument BC a fol 45 li huwa l-envelopp li go fih hemm l-impronti digitali mehuda minn PC 490 Joseph Aloisio, rrisulta li dawn ittiehdu fid-disgha ta' Dicembru, 1991 u li PC 490 Joseph Aloisio ppresenta quddiem il-Magistrat Inkwerenti, llum Imhallef Patrick Vella, nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar, 1992. Jirrizulta li fuq il-kopertina hemm il-firma tal-Imhallef. Huwa minnu li fuq r-relazzjoni ma hemmx firma pero dan ma jfissirx li r-relazzjoni hija nulla, molto piu meta tqis li x-xhud PC 490 Joseph Aloisio nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Gunju, 2001 quddiem l-imputat stqarr li gharaf l-esibit a fol 45 u cioe l-impronti mehuda minnu flimkien mal-envelopp li fih kienu imdahhla u gharaf l-kitba tieghu.

Illi ghalhekk din ix-xhieda ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant li dawn ittiehdu minnu b'mod regolari u skond il-ligi u ghalhekk zgur li huma ammissibbli bhala prova.

Stabbilit dan il-punt, u cioe l-ammissibilita tal-konkluzzjonijiet tal-esperti tal-impronti digitali, wiehed irid jara jekk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jwasslux ghal htija tal-akkuzat dwar r-reati kollha jew ghal inqas dwar xi whud minnhom.  Jinghad 'dwar xi whud minnhom' peress li l-Pulizija tat akkuzi alternattivi fil-kofnront tal-imputat.

Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta' **Lord Denning** tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika.

> "*That degree is well settled.  I need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability.  Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt.  The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice.  If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is*

*possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*" (**Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374.**)

Is-success fl-impront digitali ghar-risultat forensiku jiddependu fuq tlett kolonni, l-ewwel wahda minnhom hija li l-ezami komparattiv isir bi precisjoni, liema dover jaqa fuq l-espert nominat mill-Qorti. It-tieni kolonna hija li t-tehid tal-impronti digitali sar b'mod legali u trasparenti u t-tielet kolonna hija li l-impronti digitali huma evidenza cirkostanzjali, liema tip ta' evidenza tindika izda ma timplikax htija wahedha.

Naturalment t-tehid tal-impront digitali irid jittiehed b'mod trasparenti ghalhekk fin-nuqqas anke l-Ufficjal tal-Pulizija jkollu jirrispondi u minflok indizju tal-prova isib evidenza dubbjuza, kif gara fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Martin Gaffarena** ***deciza fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1996.*** Bhala principju generali "*fingerprints are meant to assist the quest of the truth and not to falsify it"* kif sostna **Francis Galton**.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri** ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju, 1998:***

> "*Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova.*"

Id-Difiza ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-isimijiet Il-Pulizija v Victor Gatt nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1999. F'din is-sentenza il-Qorti sostniet li il-kaz tal-Prosekuzzjoni tistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Il-Qorti taqbel ma din s-sentenza fic-cirkostanzi tal-fatti li kellha quddiemha ghalkemm setgha kien il-kaz li dak l-imputat kien mess il-flixkun qabel ma spicca fil-hanut. Pero din is-sentenza ma tfissirx kif dan l-Avukat Difensur jrid jfisser u cioe li l-prova ta' fingerprints wahedha mhux bizzejjed biex titqies bhala prova cirkostanzjali ghas-sejba ta' htija. Fil-fatt fis-sentenza moghtija ***fit-tletin ta' Gunju, 1998*** fl-ismiijiet **il-Pulizja v Emanuel Camilleri** gie deciz li

> "*f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza.*"

Fil-fatt **fl-Ingilterra** fil-kaz ***R v Castletan (3 Cr App R - 74, CCA ( vide Archbold 1997 para 14-97 )*** gie deciz li:

> "*Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification.*"

Bla pregudizzju ghar-riserva tieghu dwar r-rapport tal-espert PC 490 Joseph Aliosio li huwa monk, u ghalhekk fil-fehma tieghu rrenda inammissibbli rapport tal-espert li ghamel l-ezami komparattiv, Joseph Bongailas, d-Difiza kkwotat sentenza moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Anthony Abela** fejn dik il-Qorti sostniet li:

> "*F'post pubbliku bhal ma huwa hanut, cinema, knisja jew hanut tax-xrob, ma jistghax jinghad li legalment is-sejba ta' marka tas-swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex ssib htija fuq sid dik il-marka ghaliex dawn huma postijiet pubblici frekwentati minn numru kbir ta' nies li jkollhom tracci bhal fingerprints*."

Din il-Qorti ghalkemm taqbel mas-suespost bhala principju generali thoss li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-Prosekuzzjoni u legalment u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija. Dan ghaliex sid il-fingerprints misjuba ghandu jaghti spjiegazzjoni taghha biex huwa jipprova jgheleb din il-presunzjoni ta' htija, per ezempju li gieli dahal fil-fond jew setgha mess l-oggett li nstab fil-fond meta kien band'ohra.

Ta min jfakkar dak li jghid l-awtur **Keith Simpson** fil-ktieb tieghu ***Forensic Medicine*** [6th Edition pagna 19]

> "*Glanton estimated that: The chance of two points from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions - some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet, in the world's crime records have identical prints come to light unless from the same finger.*"

Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza ndikata mill-Prosekuzzjoni u cioe dik moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismiijiet **Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra**

> "*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond l-ligi, izda bizzejjed prova* <u>*wahda*</u> *jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' April, 1982*** fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Emanuel Previ,** dik il-Qorti sabet lil imputat hati tal-akkuzi

ta' serq addebitati lilu peress li ma tax spjiegazzjoni ta' kif instabu l-impronti digitali tieghu fuq s-shutter tal-fond misruq meta l-imputat kien innega li kien qatt mess dak ix-shutter.

Hawnhekk il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni simili ghaliex skond l-espert PC 490 Joseph Aloisio, nstabu zewg marki tas-swaba fuq in-naha ta' gewwa u ta' barra tal-bieb li jinsab fil-parti ta' wara tal-hanut. Issa meta l-imputat gie mistoqsi jekk qattx dahal fil-hanut peress li dan huwa pubbliku, huwa wiegeb fin-negattiv. Mhux hekk biss, stqarr li lanqas biss kien jaf fejn jinsab dan il-hanut. Allura l-Qorti tistaqsi kif setghu waslu hemm dawn il-marki tas-swaba ? Dan ma hux fatt li l-marki nstabu fuq xi flixkun tax-xorb jew ikel li jimxi minn kaz ghal iehor izda proprju fuq il-"*fixtures tal-hanut li huma mwaqqfa fil-fond.*"

Ghalhekk il-Qorti thoss li din l-prova wahedha hija wahda li tikkonvinciha sabiex tasal li ssib lil imputat hati tal-akkuzi.

Din il-Qorti ma haditx pjacir tisma lil Avukat Difensur jghid li din il-Qorti m'ghandhix tqis li l-individwu huwa imputat li ghandu passat fil-kriminalita biex tinfluwenzha fil-gudizzju taghha.

Il-Qorti taghmilha totalment cara daqs il-kristall li huwa principju fundamentali u kardinali li dejjem jigi osservat bl-ikbar ghozza u skruplu li persuna hi min hi, li tkun ghaddejja process kriminali, hija presunta innocenti u ghandha tinstab hatja jew mhux hatja biss u esklussivament fuq il-provi li jirizultaw mill-atti tal-procediment. Anke jekk l-akkuzat ikun persuna notorja mal-Pulizija, fil-kamp legali u fis-socjeta in generali ghal hajja kriminali taghha, dan l-fatt qatt ma b'xi mod ma jinfluwenza lil Qorti.

F'dan il-kaz il-Qorti thoss li l-investigazzjonijiet tmexxew b'pass bil-mod pero ma hemmx dubbju li tmexxew b'mod professjonali u ma jhalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat kif esibita fl-atti a fol 3 et seq tal-process ghalkemm harget fl-1998, il-Qorti ser tqis l-kondotta tieghu skond din il-fedina penali.

Minn ezami taghha jirrzulta li l-imputat kien *a first time offender* meta kkommetta r-reati in ezami ta' serq u hsara voluntarja ghalkemm minn dik d-data sa llum ghandu erbgha kontravenzjonijiet ohra dwar ksur ta' paci pubblika, serq, pussess ta' arma, ksur ta'

probation. Illi minn din il-fedina penali ma tantx jidher li l-imputat qabad t-triq it-tajba.

Il-Qorti rat li l-imputat skond din il-fedina penali, ghadu qatt ma ha sentenza ta' habs.

Il-Qorti qiset wkoll t-trapass ta' zmien minn meta gie kommess r-reat u hassitha bhala fattur mitiganti ghal piena.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 261, 263, 264, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 325(a) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi billi tiddikjara li ssib lil imputat NOEL FRENDO hati tal-akkuzi ta' serq kif aggravat bil-mezz u valur, izda mhux hati tal-aggravju tal-hin u ghalhekk tilliberah minnha. Issibu hati tal-akkuza ta' hsara voluntarja li ma teccidx il-hamsin lira maltin u mhux hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni mill-liema akkuza tilliberah.**

**Bhala piena, il-Qorti qed tikkundanna lil imputat NOEL FRENDO ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tikkundanna lil imputat NOEL FRENDO ai termini tal-artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jhallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-espert Joseph Bongailas, liema spejjes ghandhom jithallsu lir-Registratur tal-Qorti fi zmien gimgha minn meta jigu hekk interpellat sabiex jhallas mill-istess Registratur tal-Qorti.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car din is-sentenza lil imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservaha .**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**